MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 753/2000/2

**Anthony Pace**

**v.**

**Avukat Generali, Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fit-18 ta' Frar, 2003.

Fir-rikors promotur tieghu, wara li r-rikorrent kien fisser kif huwa kien applika ghall-permess relattiv biex jizviluppa proprjeta` li ghandu l-Bidnija, u kif dana l-permess kien kostantement rifjutat mid-diversi organi relattivi, u kif anke appell li huwa kien ressaq quddiem il-Qorti ta' l-Appell kien gie wkoll michud, huwa talab li dik il-Qorti:

**"1. tiddikjara li gie vjolat id-dritt fondamentali tieghu ghal smigh xieraq kif protett taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319), u dan ghar-ragunijiet fuq premessi;**
**"2. tiddikjara nulli u bla effett id-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kontenuta fis-sentenza tal-istess Bord tas-17 ta' Settembru, 1996 *"Anthony Pace v. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"* u s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Dicembru, 1998 fl-istess ismijiet;**
**"3. tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-esponenti kawza ta' l-agir illegali u abbuziv ta' l-intimati u ghad-danni morali kollha rizultanti;**
**"4. tillikwida l-istess danni u tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni kollha hekk likwidati, bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv;**
**"5. taghti kull rimedju iehor neccessarju u opportun, sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."**

Ir-ragunijiet il-ghala r-rikorrent, appellant odjern, kien qed jghid li gew lezi d-drittijiet tieghu kif protetti biz-zewg disposizzjonijiet aktar 'l fuq imsemmija huma bazikament tnejn: (1) ghax il-Bord ta' l-Appell dwar L-Ippjanar naqas milli jimmotiva adegwatament is-sentenza tieghu b'mod li cahhad lill-istess rikorrent mill-possibilita` ta' dritt ta' appell effettiv quddiem il-Qorti ta' l-Appell, u (2) ghax il-proceduri sabiex tigi determinata l-applikazzjoni ta' l-izvilupp minnu maghmula kienet hadet zmien twil wisq biex tigi

determinata. Dawn ir-ragunijiet huma fil-fatt enkapsulati fis-segwenti brani tar-rikors promotur li qed jigu riprodotti *verbatim*:

***Illi l-konsiderazzjonijiet li ghamel il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huma riportati fl-ahhar tlett paragrafi tad-decizjoni, li flimkien jammontaw ghal bil-kemm nofs faccata. Minn ezami ta' l-imsemmija paragrafi tad-decizjoni tal-Bord, huwa lampanti illi l-Bord ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex jispjega ghaliex iddecieda li jabraccja fit-totalita` taghhom is-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, u lanqas ma pprova jaghti l-icken indikazzjoni ghaliex l-argumenti u s-sottomissjonijiet ta' l-esponenti kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt kellhom jigu skartati.***

***Illi konsegwentement, id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ta' l-esponent ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artkolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani, u dan stante li fid-decizjoni tieghu il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar naqas li jindika fuq liema kriterji u fuq liema bazi ta' ragunament id-decizjoni mehuda kontra l-esponent giet milhuqa.***

***Illi ghalkemm l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkritikat bl-ahrax dan l-agir tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, hija rriteniet li ma kelliex gurisdizzjoni li tikkunsidra l-appell ta' l-esponent, billi s-sottomissjonijiet dwar punti ta' dritt ta' l-esponenti, ma kienux gew ezaminati u decizi mill-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu.***

***Illi l-Artikolu 15(2) tal-Att I ta' l-1992 jipprovdi ghal dritt ta' appell lill-Qorti ta' l-Appell fuq punti ta' ligi decizi mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. In-nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni tal-Bord*** **de quo** ***annihilat id-dritt ta' l-esponenti li jezercita b'mod effettiv u utli dan id-dritt tieghu ta' access lill-Qorti ta' l-Appell u dan bi ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif lilu***

***garantit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.***

***Illi inoltre l-esponent ihoss ruhu aggravat bit-tul esagerat tal-proceduri sabiex tigi determinata l-applikazzjoni ta' l-izvilupp tieghu, stante li fil-kaz ta' l-esponent dawn damu sejrin sitt snin u nofs, li jmur oltre l-kuncett ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.***

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tfisser u tezamina l-fatti li taw lok ghal din il-kawza, tajjeb li jigi precisat li b'sentenza *in parte* moghtija mill-ewwel Qorti fit-3 ta' Novembru, 2000 u konfermata minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-2 ta' Novembru, 2001 l-intimati Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju b'mod li l-kawza tkompliet biss kontra l-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta. Jigi precisat ukoll li ghalkemm il-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell, li tat is-sentenza tal-4 ta' Dicembru, 1998, kienet tinkludi lill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri, il-partijiet, b'verbal registrat fl-udjenza tat-30 ta' Gunju, 2003, iddikjaraw li ma kienux qed isibu ebda oggezzjoni li l-appell kostituzzjonali jinstema' minn din il-Qorti kif illum komposta.

**Il-fatti**

Il-fatti kif jirrizultaw mill-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti huma s-segwenti:

1. Fit-2 ta' Settembru, 1982 il-*Planning Area Permits Board* kienet tat lil Joseph Debattista (allura *manager* tad-ditta "Andrews Feeds (M) Ltd") permess sabiex, fl-Andrews Bidnija Farm, fil-Bidnija, limiti tal-Mosta itella' *"…additional stores as per plans submitted".*

2. Jirrizulta mid-deposizzjoni tal-imsemmi Joseph Debattista moghtija quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fis-16 ta' Jannar, 1996 (ara fol. 19 u 20, u 149 u 150 tal-process) li wara li nbnew dawn l-is*tores* skond il-permess moghti, inhasset il-htiega li l-*manager* tal-*farm* jibda joqghod fuq l-istess *farm* (u dan peress li x-xoghol ta'

l-istess farm ma kienx sejjer tajjeb) u ghal dan il-fini saru xi tibdiliet zghar f'dawn l-i*stores*. Skond l-imsemmi Debattista

**"…qabel tlesta dan ix-xoghol il-*farm* inghalaq. Il-bidliet li kienu saru kienu minimi, bhal ftugh ta' twieqi ghal gewwa sabiex ikollu d-dawl u arja, ecc….Meta xtrah is-sur Pace il-*farm* kien ghadu mhux atrezzat biex joqghodu n-nies go fih."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

3. Fl-24 ta' Gunju, 1991 saret applikazzjoni mill-perit ta' l-appellant sabiex ibiddel il-bini ezistenti – dak li kien kopert bil-permess ghal "additional stores" – u jkabbar mieghu. Fi kliem il-Perit Edward Bencini (fol. 152 u 153):

**"Jien kont tqabbadt mill-attur fl-1991 jidhirli biex niehu hsieb applikazzjoni li riedni naghmel ghal xi estensjoni ta' bini li kien ghadu kif akkwista l-Bidnija…Jien rajt il-post, ippreparajt il-pjanti biex inkabbar il-bini madwar hamsa u ghoxrin fil-mija fuq dak li kien diga ezistenti, ippreparajt il-pjanti u ssottomettejt applikazzjoni ghall-estensjoni tar-residenza ezistenti li kien hemm fuq il-post."** (sottolinear tal-Qorti).

4. Jirrizulta wkoll pruvat sodisfacentement – u dan principalment mid-deposizzjoni ta' l-istess appellant quddiem l-ewwel Qorti – li qabel ma kien kiseb il-permess relattiv, l-appellant qabad u beda jibni u ghamel l-estensjonijiet li ried mal-bini ezistenti[1], bini li hu jsejjahlu li kien "dar ta' abitazzjoni" mentri l-awtoritajiet koncernati jinsistu li kien semplicement *store* ghall-*farm* li kien hemm originarjament.

5. Fl-10 ta' Awissu, 1991 (cioe` wara li kien ghamel l-applikazzjoni izda qabel ma kien hareg il-permess) l-appellant effettivament xtara l-art u l-bini li kien hemm fuqu.

---

[1] Ara in partikolari d-deposizzjoni tal-appellant, allura rikorrent, in kontro-ezami a fol. 82 sa 84 tal-process.

6. Fit-30 ta' Novembru, 1992 il-PAPB irrifjuta l-applikazzjoni ghar-raguni li *"works are incompatible with the rural character of the area"*.

7. Fit-18 ta' Dicembru, 1992 Pace appella lill-Kumitat Maghzul tal-Kamra tar-Rappresentanti skond il-ligi allura fis-sehh. Fil-5 ta' Jannar, 1993, peress li nel frattemp kienet giet fis-sehh il-ligi li waqqfet l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, huwa gie infurmat li l-appell tieghu (forma ta' "reconsideration") kien gie riferut lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp li kienet ghadha kif giet imwaqqfa.

8. Fl-24 ta' Marzu, 1993 l-imsemmija Kummissjoni cahdet it-talba ghall-izvilupp *"…on grounds that site falls outside scheme and change of use of stores into residential is not acceptable"*. Pace talab *reconsideration*, u fl-ittra ghal dana l-fini mibghuta mill-perit tieghu huwa baqa' jinsisti li *"…when purchased by our client the premises was effectively constructed and finished as a residence"*. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, b'ittra tas-27 ta' Frar, 1995 regghet cahdet l-applikazzjoni *"…since applicant is not a full-time registered farmer and therefore does not qualify to build a dwelling outside the Development Scheme Boundary. Buildings originally permitted for agricultural use and should not be converted into habitable dwellings"*.

9. Minn din it-tieni cahda tal-Kummissjoni, Pace appella lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Dan il-Bord, wara li sema' lill-partijiet u lid-difensuri taghhom kif ukoll il-provi, u wara li ezamina, kif jirrizulta mis-sentenza ta' l-istess Bord, l-argumenti ta' l-appellant u tal-Kummissjoni, iddecieda hekk fis-17 ta' Settembru, 1996:
**"Illi skond it-Temporary Provisions Schemes, is-sit in kwistjoni jinsab barra z-zona permessa ghall-izvilupp u ghalhekk japplikaw il-Policies SET 11, SET 12 u l-paragrafu 7.6 tal-Pjan ta' Struttura. Skond l-imsemmi Paragrafu 7.6, l-izvilupp li l-appellant irid jaghmel ma jistax jinghad li jinkwadra f'dawk it-tipi ta' zviluppi li eccezjonalment jistghu jsiru barra miz-zona permessa ghall-izvilupp. Lanqas ma jista' l-appellant jibbenefika mill-Policies tal-Pjan ta' Struttura li jitrattaw dwar l-**

**agrikoltura fejn full time bona fide farmer jista' jaghmel zvilupp barra miz-zona permessa ghall-izvilupp peress li l-appellant mhux registrat bhala full time farmer mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Il-Bord jinnota li mill-planning history ta' l-applikazzjoni l-permess ghall izvilupp li kien inhareg originarjament kien indirizzat lil Joseph Debattista f'isem Andrews Feeds Ltd. "to erect additional stores as per plans submitted".**

**"Il-Bord jinnota li l-appellant qed jitlob li jikkonverti l-istore ghal residenza ghall-fini ta' abitazzjoni. Dan il-Bord ra wkoll il-policies kontenuti fil-paragrafu 11.2 tal-Explanatory Memorandum ghal Pjan ta' Struttura li jippermettu zvilupp konsistenti f'bini ta' natura residenzjali barra z-zona permessa ghall-izvilupp basta li l-applikant ikun full time bona fide farmer jew animal breeder. Il-Bord jinnota li l-appellant ma jaqa' taht l-ebda wahda minn dawn iz-zewg kategoriji.**

**"Ghal dawn il-motivi, il-Bord jichad l-appell u jikkonferma r-rifjut ghall-permess ghall-izvilupp mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fl-istadju tar-rikonsiderazzjoni."**

10. Pace appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell u din, b'sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru, 1998, cahdet l-appell u kkonfermat id-decizjoni tal-Bord (bl-ispejjez kontra Pace) **"salv kull dritt iehor, jekk jezisti, favur l-appellant"**. Ftit anqas minn sentejn wara, u cioe` fit-3 ta' Awissu, 2000, Pace intavola r-rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civli.

**Is-sentenza appellata**

Meta l-ewwel Qorti cahdet l-ilment ta' l-appellant li hu ma kienx inghata smigh xieraq mill-Bord, hija tat is-segwenti ragunijiet ghal tali cahda:

**Din il-qorti tifhem illi l-funzjoni taghha f'dawn il-proceduri ma hix li tara jekk fil-meritu taqbilx mal-**

**konsiderazzjonijiet u mad-decizjonijiet tat-tribunali l-ohra li gà qiesu t-talba tar-rikorrent; il-funzjoni taghha hija biss dik li tara jekk inkisrux id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent imharsa mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali. Madankollu, is-sistema legali ghandu jkun u fil-fatt huwa robust bizzejjed biex, meta jidher b'mod car, minnufih minn qari tar-rikors stess, illi qieghed isir abbuz mis-sistema gudizzjarju, u illi r-rikorrent qieghed ifittex li jinqeda bil-ligi biex jeghleb il-ligi, it-talba tieghu ghandha mhux biss tigi michuda izda wkoll meqjusa bhala wahda vessatorja, aktar u aktar meta tqis illi r-rikorrent mhux biss inghata smigh izda nghata erba' okkazjonijiet — darba quddiem il-*Planning Areas Permits Board*, darbtejn quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, u darba quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar — fejn instema' jressaq u jfisser l-argumenti tieghu, u l-ilment tieghu hu li s-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma nkitbitx b'mod tali li seta' jappella minnha biex ikollu okkazjoni ohra jerga' jinstema' mill-Qorti ta' l-Appell!**

**Barra minn hekk, ir-ragunijiet ghala kienu michuda l-argumenti tar-rikorrent dejjem inghataw mill-*Planning Areas Permits Board* u mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, u tribunal ta' revizjoni la hu marbut iwiegeb ghal kull argument li tressaq parti[2] u lanqas li jtenni r-ragunijiet tat-tribunal ta' istanza inferjuri meta jkun qabel ma' dawk ir-ragunijiet[3].**

**Il-qorti ghalhekk tqis bhala vessatorji t-talbiet tar-rikorrent mibnija fuq id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.**

---

2 "The court reiterates that Article 6 para. 1 (art. 6-1) obliges the courts to give reasons for their judgements but cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument", **Ruiz Torija *versus* Spanja**, Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, 9 ta' Dicembru 1994.

3 "If … … … a court of appeal agrees with the reasons of the lower court, it does not have to explain this by restating the reasons." Ara ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights,*** P. van Dijk, G.J.H. van Hoof,1990 (2nd edition), p. 324.

Kwantu ghall-kwistjoni tad-dewmien biex tigi finalment determinata l-applikazzjoni, l-ewwel Qorti esprimiet ruhha f'dawn it-termini:

**Il-passi procedurali li wasslu ghad-decizjoni fuq it-talba tar-rikorrent kienu dawn:**

**1. Ir-rikorrent ghamel it-talba tieghu quddiem il-*Planning Areas Permits Board* (kif kien dak iz-zmien) fl-24 ta' Gunju 1991[4] biex ikun ratifikat il-bdil *de facto* ta' uzu u l-bini gdid li kompla ghamel bla permess. It-talba tieghu kienet michuda fit-30 ta' Novembru 1992[5], sena u hames xhur wara.**

**2. Fit-18 ta' Dicembru 1992 ir-rikorrent ghamel appell lill-Kumitat Maghzul tal-Kamra tar-Rapprezentanti taht l-art. 2(a) ta' l-Att ta' l-1988 dwar Permessi ghal Bini (Provvedimenti Temporanji), izda billi kien dahal fis-sehh l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp [Kap. 356] l-appell intbaghat quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp[6] imwaqqaf taht dak l-Att. Fl-24 ta' Marzu 1994 — ftit aktar minn tliet xhur wara li kien sar l-appell — ir-rikorrent kien mgharraf mis-segretarju tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp illi l-Awtorità ta' l-Ippjanar kienet cahdet it-talba tieghu[7].**

**3. Fit-13 t'April 1993 r-rikorrent talab illi l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp tqis it-talba tieghu mill-gdid[8], u fit-3 ta' Frar 1995 — ftit anqas minn sena u ghaxar xhur wara —il-kummissjoni, wara li qieset it-talba mill-gdid, regghet cahditha. Ir-rikorrent kien mgharraf b'dan b'ittra tas-27 ta' Frar 1995[9].**

**4. Fil-15 ta' Marzu 1995 ir-rikorrent appella minn din id-decizjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u b'decizjoni tas-17 ta' Settembru 1996[10] il-bord cahad l-appell.**

---

4 *Fol.* 6.
5 *Fol.* 7.
6 *Fol.* 9.
7 *Fol.* 10.
8 *Foll.* 11. *et seq.*
9 *Fol.* 13.
10 *Foll.* 14 *et seqq.*

**5. Ir-rikorrent imbaghad appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell u din, b'sentenza ta' l-4 ta' Dicembru 1998[11], cahdet l-appell.**
**Il-process ghalhekk beda fl-24 ta' Gunju 1991 u ntemm fl-4 ta' Dicembru 1998, wara ftit anqas minn seba' snin u nofs, jekk tqis ukoll iz-zmien li ha r-rikorrent stess biex hejja t-talbiet u l-appelli tieghu.**
**Fil-fehma tal-qorti, meta tqis illi matul dan iz-zmien it-talba tar-rikorrent kienet meqjusa mill-*Planning Areas Permits Board*, darbtejn mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp, mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u mill-Qorti ta' l-Appell, u meta tqis ukoll illi matul dan iz-zmien inbidlet il-ligi u incidentalment, minhabba f'hekk, lir-rikorrent inghatat istanza ta' smigh aktar milli jkun normali, iz-zmien li ghadda ma jistax jitqies li kien wisq.**
**Barra minn hekk, huwa wkoll relevanti l-fatt illi matul dan iz-zmien ir-rikorrent kien gà qieghed igawdi mill-bdil *de facto* li kien sar fil-bini u mill-bini l-gdid li ghamel, ghalkemm dan kien sar kontra l-ligi, u ghalhekk ma jistax jinghad illi sofra xi pregudizzju.**

Id-dispozittiv tas-sentenza, imbaghad, jghid hekk:

**Ghal dawn ir-ragunijiet din il-qorti hija tal-fehma illi ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, u t-talbiet tieghu huma ghalhekk michuda.**
**L-ispejjez, hlief dawk li dwarhom gà nghatat decizjoni fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru 2001, ghandu jhallashom ir-rikorrent.**

**L-appell**

L-appellant, fir-rikors tieghu ta' appell, mhux jappella mid-decizjoni in kwantu din iddecidiet li ma kienx hemm dewmien in vjolazzjoni tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu (1) tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-appell tieghu hu dirett u limitata biss ghall-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-ilment tieghu li ma kienx

11 *Foll.* 24 *et seqq.*

hemm smigh xieraq, u dan peress li, kif jallega l-appellant, l-ewwel Qorti ma fehmitx il-pern tal-kwistjoni u cioe` li d-decizjoni tal-Bord ma kienitx motivata kif suppost, b'tali mod li hu gie imcahhad mir-rimedju effettiv ta' "revizjoni" mill-Qorti ta' l-Appell. Iz-zewg paragrafi fir-rikors ta' appell li jigbru l-aggravji huma s-segwenti:

**6.1 Illi bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti naqset li tifhem il-hsieb, il-motivazzjonijiet u l-gustifikazzjonijiet wara r-rikors tal-esponent. Ir-rikors pprezentat mir-rikorrent ma kienx kif fissret l-ewwel Qorti xi tentattiv sabiex dak li ma nkisibx fit-tentattivi precedenti jinkiseb billi jigi invokat ksur ta' l-ghola ligi tal-pajjiz. Kienet bil-wisq motivata u gustifikata it-talba tal-esponent kontenuta fir-rikors tieghu tenut kont specjalment dak li l-Qorti ta' l-Appell stess stqarret fid-decizjoni taghha tal-4 ta' Dicembru, 1998 u cioe` illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma kinitx taghti ragunijiet ghac-cahda ta' l-appell tar-rikorrent b'mod tali li jippermettilu li jusufruwixxi effikaccjament mid-dritt ta' l-Appell tieghu ghal quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.**

**6.2 Illi barra minn dan l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset hija stess li tikkunsidra b'certa profondita u akkuratezza l-lanjanza principali tar-rikorrent cioe` dik dwar ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq marbut mal-fatt illi d-decizjoni tal-Bord t'a l-Appell dwar l-Ippjanar ma kinitx motivata tali li tippermetti lir-rikorrent juzufruwixxi b'mod effettiv u effikaci mid-dritt ta' appell moghti lilu skond il-ligi. Kien ferm importanti li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tkun motivata specjalment fir-rigward tal-argumenti li jinvolvu punti ta' dritt, u dan billi d-dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huwa wiehed ristrett u limitat ghall-decizjonijiet dwar punti ta' ligi.**

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Konsiderazzjoni preliminari li din il-Qorti trid taghmel hi li ghalkemm l-ewwel Qorti qalet li kienet qed tqis “bhala vessatorji t-talbiet tar-rikorrent mibnija fuq id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar”, din il-Qorti ma hix tal-fehma li din il-lokuzzjoni adoperata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha (u mhux fid-dispozittiv tas-sentenza) hi f’dan il-kaz ta’ ostakolu ghal dana l-appell in forza ta’ dak li jipprovdu l-Artikoli 46(5) u 4(5)[12] tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament. Dan qed jinghad mhux ghax l-appellat Avukat Generali – li anqas biss indenja ruhhu jippresenta risposta ghar-rikors ta’ appell – ma qajjem ebda eccezzjoni f’dana r-rigward – kieku kien hemm l-ostakolu skond dawn iz-zewg disposizzjonijiet dan il-fatt kien ikun rilevabbli *ex officio* minn din il-Qorti – izda ghax biex ikun hemm l-ostakolu imsemmi l-ewwel Qorti trid tkun ippronunzjat ruhha fis-sens li t-talba kienet “semplicement frivola” jew “semplicement vessatorja” (ara, ***Joseph u Alexander Ciantar v. L-Onorevoli Prim Ministru*** Qorti Kost., 10 ta’ Mejju, 1995[13]; ***Mario Azzopardi v. Registratur tal-Qorti et.*** Qorti Kost., 17 ta’ Jannar, 1996[14]). Il-legislatur ried li l-proceduri ma jimxux oltre mhux meta t-talba (jew it-tqanqil ta’ xi kwistjoni, skond il-kaz) tkun infondata, ghax batuta, malkoncepita jew ingarbuljata, izda meta tkun mill-ewwel tidher li hija vana, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens u ma jisthoqqilhiex attenzjoni (*ergo* frivola), jew maghmula biss biex iddejjaq jew tirrita lill-kontroparti (*ergo* vessatorja), u dan kollu b’mod tant car illi mhux ragjonevolment possibbli li wiehed jikkontesta li t-talba jew it-tqanqil ta’ dik il-kwistjoni hija effettivament frivola jew vessatorja[15] (jew possibilment anke t-tnejn). Fil-kaz in dizamina, il-lokuzzjoni adoperata mill-ewwel Qorti tista’ tiftiehem – anke fin-nuqqas tal-precisazzjoni “semplicement” – li t-talba tar-rikorrent kienet tentattiv ahhari, u forsi anke iddisprat, biex jipprova jgib zewg l-istat ta’ fatt illegali li huwa kien in gran parti responsabbli ghalih, u f’dan is-sens it-talba kienet inutili u hela ta’ zmien -- pero`

---

[12] “Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta’ xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja”.
[13] Vol. LXXIX (1995), l-Ewwel Parti, p. 126
[14] Vol. LXXX (1996), l-Ewwel Parti, p. 4
[15] Vol. LXXIX (1995), l-Ewwel Parti, pp. 142-143.

certament minghajr ma tohloq l-ostakolu procedurali aktar ‘l fuq imsemmi.

Il-qofol ta’ dana l-appell hu, kif diga mfisser aktar ‘l fuq, jekk jistax jinghad li f’dan il-kaz kien hemm nuqqas ta’ smigh xieraq quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar. L-appellant jikkontendi li, peress li appell minn decizjoni tal-Bord lill-Qorti ta’ l-Appell huwa permess biss fuq punt ta’ dritt li jkun gie deciz mill-istess Bord, galadarba l-Bord ikollu quddiemu punt ta’ dritt u dan jaghzel li ma jiddecidiehx billi ma jimmotivax is-sentenza fir-rigward ta’ dak il-punt, allura jkun qed icahhad lil parti jew ohra mid-dritt ta’ smigh xieraq. In fatti l-appellant, fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu presentata quddiem il-Prim Awla fit-13 ta’ Gunju, 2002 (fol. 165 *et seq.*) jghid hekk:
**“…l-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar naqas milli jaghti motivazzjonijiet xierqa ghac-cahda tat-tezi tal-esponent esposta minnu waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kaz tieghu quddiem l-istess Bord ta’ Appell dwar l-Ippjanar. Dan in-nuqqas jassumi importanza vitali meta wiehed jikkunsidra li d-dritt ta’ l-appell minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar jinsab cirkoskritt minn dak li jipprovdi [l-]Artikolu 15(2) tal-Att I tal-1992.” [16]**

In sostenn ta’ dan l-argument tieghu l-appellant jinvoka dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell li hu jghid li biha dik il-Qorti “ikkritikat bl-ahrax [dan] l-agir tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-ippjanar”. Din il-Qorti ezaminat l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell u hi tal-fehma li ghandha ticcita ebra’ paragrafi minnha li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, fihom hemm ic-cavetta ghas-soluzzjoni tal-vertenza odjerna. Il-Qorti ta’ l-Appell qalet hekk:

**Huwa evidenti minn qari tad-decizjoni appellata, li l-Bord <u>ma nterpretax il-fatti</u> li rrizultawlu, skond it-tezi tal-appellant. Dan sostna, bazikament, li wiehed seta, skond il-ligi applikabbli dak iz-zmien, jikkonverti “stores” agrikoli mibnija fis-sena 1986 f’residenza (*detached villa)* f’zona li fiha ma hux permess li jsir**

[16] Fol. 172.

**zvilupp. Invece, il-Bord skarta din it-tezi u minflok abraccja t-tezi tal-appellati. Dawn sostnew, kif jirrizulta mid-decizjoni appellata stess li l-permess originali kien ghall-bini ta' "farm stores and *not* residential units – either for tourists or local residents".**

**Sostnew ukoll li l-appellant ma kienx "a full registered farmer" u ghalhekk ma kienx jikkwalifika biex ikollu abitazzjoni f'area rurali, skond l-Explanatory Memorandum. Sostnew, inoltre, li l-bini ezistenti, bhala "dwellings", kien wiehed illegali u li l-Awtorita` "cannot now permit the extension of an illegal development which is contrary to the Structure Plan Policy".**

**Sfortunatament il-Bord naqas li jaghti r-ragunijiet tieghu ghaliex wasal biex jaccetta t-tezi tal-appellati u li jiskarta t-tezi tal-appellant. Il-Bord jidher li qata' ghad-dritt u ma dahalx fid-diversi kwistjonijiet sollevati mill-appellant, ewlenin, fosthom dawk imsemmija fil-paragrafu 6 supra[17].**

**Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, il-Bord kien mistenni li jitratta adegwatament dawn il-kwistjonijiet, sabiex l-appellant jinghata sodisfazzjoni ghaliex it-tezi tieghu ma gietx accettata. Dan hu hekk, aktar u aktar meta si tratta bhal kaz odjern ta' kwistjonijiet <u>predominantement ta' fatt u mhux ta' dritt</u>, fejn, skond il-ligi, id-decizjoni tal-Bord tkun finali u ma tkunx soggetta ghal ebda appell lil din il-Qorti.** (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti Kostituzzjonali).

Minn dawn l-erba' paragrafi appena citati, apparti li ma kien hemm ebda "kritika harxa" izda semplicement divergenza ta' opinjoni, hu evidenti li l-Qorti ta' l-Appell, <u>aktar milli punti ta' dritt li kienu jaghtu lok ghal dritt ta'</u>

[17] Jidher li r-referenza kellha tkun ghall-paragrafu 5. Dawn il-"kwistjonijiet sollevati" kienu sostanzjalment (1) li Pace qatt ma talab li jikkonverti "store" f'residenza ghax il-post li kien xtara kien "de facto fond ta' abitazzjoni"; (2) li l-permess originali kien ghal "stores" addizjonali u li ma kien hemm ebda neccessita` ghal applikazzjoni ghal "change of use" minn "store" ghal dar ta' abitazzjoni purche` li tali dar ta' abitazzjoni ma tkunx "furnished" jew "holiday flats" ghat-turisti.

appell lilha, kienet qed tirravviza apprezzament ta' fatti – li minnhom ma hemm ebda dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Bord lill-istess Qorti ta' l-Appell. Il-fatt li l-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma li l-Bord seta' mmotiva d-decizjoni tieghu ahjar ma jfissirx neccessarjament li allura dik id-decizjoni tal-Bord kienet tiddifetta fis-sens tal-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Issa, ma hemmx dubbju li wiehed mill-elementi tas-smigh xieraq huwa li qorti jew tribunal jimmotiva s-sentenza jew decizjoni tieghu. Kif inghad mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ***Suominen v. Finland*** [18]:

**The court then reiterates that, according to its established case-law reflecting a principle linked to the proper administration of justice, judgements of courts and tribunals should adequately state the reasons on which they are based. Article 6(1) obliges courts to give reasons for their judgments, but cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument. The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision. It is moreover necessary to take into account, inter alia, the diversity of the submissions that a litigant may bring before the courts and the differences existing in the Contracting States with regard to statutory provisions, customary rules, legal opinion and the presentation and drafting of judgments. That is why the question whether a court has failed to fulfil the obligation to state reasons, deriving from Article 6 of the Convention, can only be determined in the light of the circumstances of the case (see *Ruiz Torija v Spain*, judgment of the 9 December, 1994, Series A no. 303-A para 29).** [19]

Din il-Qorti, wara li ezaminat fid-dettal l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll l-*iter* tal-applikazzjoni ta' l-appellant odjern biex il-bini in kwistjoni jkabbru u jaghmlu "detached villa" – haga li huwa diga ghamilha anke qabel ma nghata xi permess – u wara li ezaminat anke d-decizjoni tal-Bord tas-17 ta' Settembru, 1996 hi tal-fehma li ma jistax jinghad

[18] 1 ta' Lulju, 2003.
[19] Para. 34.

li f’dan il-kaz ma kienx hemm smigh xieraq minhabba li ma nghatawx ragunijiet sufficjenti fl-imsemmija decizjoni tal-Bord. Apparti jekk wiehed setax jaghmel zvilupp residenzjali f’post li huwa barra minn zona permessa ghall-izvilupp meta huwa la huwa bidwi u anqas irabbi l-annimali – punt, dan, li l-appellant odjern jidher li qed jaghtih importanza minima meta fil-fatt jidher li ghandu importanza krucjali u gie debitament indirizzat mill-Bord fid-decizjoni tieghu – l-appellant odjern kien argumenta quddiem il-Bord li l-bini li fir-rigward tieghu kien qed jitlob estensjoni (ossia li jkabbar) kien diga “dar ta’ abitazzjoni” meta ghamel l-applikazzjoni u ghalhekk ma kien hemm ebda kwistjoni ta’ “change of use”. Hu evidenti li l-Bord bhala fatt ma qabilx li dan il-bini kien “dar ta’ abitazzjoni”, izda li kien ghadu “store” skond il-permess originali mahrug mill-PAPB (konformement ma’ dak li kien xehed Joseph Debattista, aktar ‘l fuq riprodott, li *“Meta xtrah is-sur Pace il-farm kien ghadu mhux atrezzat biex joqghodu n-nies go fih.”*) Jidher ukoll mid-decizjoni tal-Bord (ara kopja a fol. 14 sa 23 tal-atti) li l-imsemmi Bord ezamina u kkunsidra l-argumenti kollha tal-partijiet, liema argumenti gew dettaljatament riprodotti fl-imsemmija decizjoni. Ma kienx mehtieg li l-Bord jirribatti wiehed wiehed l-argumenti tal-partijiet (jew ghall-anqas ta’ l-appellant): dak li kien mehtieg kien li jmur fuq dak li kien essenzjali ghad-determinazzjoni tal-vertenza, u dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-Bord ghamlu. Apparti minn hekk, li kieku kien hemm xi punt ta’ dritt li kien verament deciziv li tqajjem minn parti jew ohra quddiem il-Bord, u li dak il-Bord injora b’mod li parti jew ohra giet effettivament imcahhda minn dritt ta’ appell ghal quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, l-imsemmija Qorti ta’ l-Appell dejjem setghet tannulla d-decizjoni tal-Bord u tirrimetti l-atti lura quddiemu biex l-istess Bord jiddeciedi b’mod specifiku dak il-punt ta’ dritt ukoll [20].

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghalhekk, ma jistax jinghad li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell ta’ l-Ippjanar kienet b’xi mod leziva tad-dritt ta’ Anthony Pace ghal

---

[20] Ara f’dan is-sens ***Raymond Mercieca v. L-Awtorita` ta’ l-Ippjanar*** Qorti ta’ l-Appell 10 ta’ Ottubru, 2003; ***Mary Peresso v. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp*** Qorti ta’ l-Appell 30 ta’ Jannar, 2004.

smigh xieraq bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni minnu citati, u konsegwentement tichad l-appell bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------